MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## DEBORAH MIFSUD ATTARD

Seduta tas-7 ta' Dicembru, 2012

Talba Numru. 1933/2005

**Richard Muscat Azzopardi et**

**Vs**

**Guy Kurkjian**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessiipprezentat fil-5 tà Dicembru, 2005 fejn l-atturi talbu illi l-konvenut ghandu jigi kkundannat ihallas lill-atturi s-somma tà sebgha mija u disghin Lira Maltija u sittin centezmu (Lm790.60) u cioe' ekkwivalenti ghal elf tmien mija u erbghin Ewro u erbgha u tletin centezmu (€1,840.34) rapprezentanti prezz tà xoghol maghmul mill-atturi ghall-konvenut fuq ordnijiet tà l-istess konvenut u dan kif jirrizulta mill-invoice mmarkata bhala Dok A a fol 2 tal-process.

Bl-ispejjez u l-imghaxijiet kollha relattivi skond il-ligi.

Ra r-risposta tal-konvenut ipprezenata fit-18 tà Ottubru, 2006 fejn il-konvenut eccepixxa illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt, u ghandhom ikunu michuda bl-ispejjez kontra l-atturi, stante illi :

Preliminarjament, l-intimat mhux il-legittimu kontradittur tat-talbiet attrici u ghalhekk ghand jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju.

Illi preliminarjament ukoll, u bla pregudizzju ghas-suespost, trid issir il-prova li fid-data li gie ntavolat l-avviz odjern, l-attur Matthew Bugeja ma kienx assenti minn Malta.

Illi bla pregudizzju ghas-suespost, fil-mertu, l-intimat m'ghandu jghati xejn lill-atturi, stante illi l-atturi ma esegwewx is-servizz li ghalih qeghdin jaghmlu l-kawza odjerna u ma esegwewx skond l-arti u s-sengha.

Illi bla pregudizzju ghas-suespost, u b'riferenza ghall-ahhar paragrafu qabel dan, l-intimat inkorra danni konsistenti fi spejjez tà web designer u spejjez ohra, li ghalihom huwa responsabbli l-atturi, u li a rigward qed issir kontro talba.

Salv eccezzjonijiet ohra, permessi mill-ligi.

Ra wkoll il-kontro talba fejn il-konvenut qal li t-talbiet atturi huam kontestati stante li s-servizz li ghalih tqabbdu l-atturi ma giex ezegwit u ma giex ezegwit skond l-arti u s-sengha, u minhabba f'hekk il-konvenut sofra danni li dan it-Tribunal huwa mitlub jillikwida liema danni ma jeccedux l-elf u hames mitt Lira Maltija (Lm1,500) u cioe' ekkwivalenti ghal tliet elef erba' mija u erbgha u disghin Ewro u sitt centezmi (€3,494.06).

Ra r-risposta tal-atturi ghall-kontro talba liema risposta giet ipprezentata fit-23 tà April, 2007 fejn l-atturi eccepew illi l-kontrotalba tal-konvenut hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjez ghas-segwenti ragunijiet.

Preliminarjament it-Tribunal mhuwiex kompetenti sabiex jisma u jiddecidi l-kontrotalba kif dedotta. Fit-tieni lok u minghajr pregudizzju u ghas-suespost li l-konvenut ma soffra ebda danni ghaliex l-attur esegwixxa l-inkarigu tieghu skond il-ftehim bejn il-partijiet. Fit-tielet lok, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, data ma non concessa li l-konvenut sofra xi danni, t-talba tieghu hija ferm eccessiva.

Ra x-xhieda in konnessjoni mal-ewwel eccezzjoni.

Ra s-sentenza tas-27 tà Settembru, 2007 dwar l-ewwel eccezjoni.

It-Tribunal ra x-xhieda tal-attur Richard Muscat Azzopardi.

Ra wkoll ix-xhieda tà Greta Muscat Azzopardi.

Ra l-affidavit tà Matthew Bugeja pprezentat fl-1 tà Settembru, 2008 fejn spjega illi meta kien isemmi hlas lil konvenut dan kien jghidlu *"No problem, send me the bill and I'll pay"* u qal ukoll li ma kien hemm l-ebda ilmenti fuq ix-xoghol.

Ra x-xhieda tal-konvenut li saret fis-16 tà April, 2009.

Ra x-xhieda tà Matthew Bugeja li fihom spjega illi x-xoghol li ghamlu u li ghalih talbu l-hlas ma jinkludux is-support li imbaghad talab il-konvenut u qal ukoll illi li kieku hallas ghalihom kien jghatihomlu.

It-Tribunal ikkunsidra illi dwar it-talba tal-atturi ingiebu provi sodisfacenti illi x-xoghol kien sar u sar b'mod komplet ghal dak li kien miftiehem li jsir u li ghalih talbu l-hlas. Min-naha tal-konvenut naqas li jikkonvinci t-Tribunal illi t-talbiet tieghu filfatt kienu aktar minn dak ix-xoghol li pprezentawlu l-atturi. Fir-rigward tal-kontrotalba l-konvenut ma gab l-ebda prova dwar id-danni li sofra u sahansitra lanqas gab xi dokumenti dwar il-hlasijiet li ghamel sabiex ibiddel jew jirranga jew sahansitra johloq website gdida peress illi ma kienx kuntent b'dik li ghamlulu l-atturi. F'dan ir-rigward ma pprezenta l-ebda xhud jew prova lanqas.

Ghaldaqstant ghal dawn il-motivi it-Tribunal jaqta u jiddecidi billi jichad il-kontrotalba u jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma tà elf tmien mija u wiehed u erbghin Ewro u erbgha u tletin centezmu (€1,841.34) ekwivalenti ghal sebgha mija u disghin Lira Maltiija u sittin centezmu

(Lm790.60) bl-imghax legali jibda jiddekorri mill-prezentat tal-avviz sad-data tal-hlas effettiv.

Bl-ispejjez tal-kawza jkunu a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------